**KUNSILL LOKALI** **LOCAL COUNCIL**

**BORMLA**
*Citta' Cospicua*

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Bormla

## Id-disa' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 12/2025

**Laqgħa Numru 12**

22 ta' Jannar, 2025

Il-Kunsilli Lokali Bormla ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2A, The Rest, Pjazza Santa Margerita, Bormla, l-erbgha 22 ta Jannar 2025 fl-5.30 ta' filghaxija.

**PREŻENTI:**
Marco Agius - Sindku
Noya Spiteri Hammett - Viċi Sindku
Martin Vella - Kunsillier
Rita Gatt - Kunsilliera
Glauber Spiteri - Kunsillier

Membri tal- Pubbliku: (0)

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Crystal Degabriele –Segretarju Eżekuttiv

*2A, 'The Rest', St. Margaret Square, Cospicua BML 1202, Malta*
*Tel: (++356) 21663030, (++356) 21665337 - Fax: (++356) 21672222*
*E-mail: bormla.lc@gov.mt*

**Minuti**

Is-Sindku Marco Agius ippresjeda din is-seduta Nru 1 għad-disa’ leġislatura

| | |
|---|---|
| **12.01** | **Qari tal-ittri ta’ apoloġiji** |
| **12.01.01** | NIL |
| **12.02** | **Kunsiderazzjoni u Approvazjoni tal-Minuti** |
| 12.02.01 | Is-segretarju eżekuttiv bagħtet l-minuti tas-seduta numru 11/2024, għad-disa’ leġislatura permezz ta’ email lis-sindku, viċi sindku u l-kunsilliera.<br>Il-kunsillier Martin Vella approva il-minuti tas-seduta numru 11/2024 għad-disgħa leġislatura u l-kunsilliera Rita Gatt issekondat. |
| **12.03.** | **Korrispondenza** |
| 12.03.01 | Is-sindku Marco Agius beda seduta billi qara email datata 02/01/2025 mingħand Michelle Scerri Local Government division fejn bagħtet għal attenzjoni tagħna Ċirkulari Numru SPI/SCI/1/2025 - Korsijiet Lifelong Learning 2024-2025 offruti mid-direttorat għar-riċerka, Tagħlim tul il-ħajja u Impjegabilita'. Kull Kunsill Lokali/Reġjonali li huwa interessat, huwa mitlub li jissottometti l-applikazzjoni online billi jagħfsu fuq din il-link: https://forms.office.com/r/xq4kt2pvtA sa mhux aktar tard minn nhar it-Tlieta, 31 ta’ Jannar 2025. Il-kunsilliera urew interess u Lkoll qablu li napplikaw għal korsijiet Malti għal Barranin, Ingliż għal Maltin kif ukoll Crochet. Dawn iddecidew li jistaw jibdew issiru jew fis-sala ta-kunsill lokali ta’ Bormla jew inkella kif dejjem ġejna fi qbil magħhom AUM biex jsiru hemmek. Ser inkunu qegħdin isaqsu l-permess mingħand AUM biex naraw jekk nistghux nuzaw l-iskola taghhom għal din is-sena ukoll. |
| 12.03.02 | Is-Sindku kompla billi informhom dwar xogħol li applikajna fix-xahar ta Jannar applikazzjonijiet lil Transport Malta huma: |

| | |
|---|---|
| | • Żebra Crossing quddiem simons mens wear<br>• Żebra crossing quddiem każin tal banda<br>• Proponejna li titneħħa iż-żebra crossing ta' quddiem il-monument tal-gwerra<br>• Road Humps fit-triq il pelegrinaġġ<br>• Loading/Unloading quddiem Classic Press mit-8 ta' filgħodu sa 10 ta' filgħodu.<br>• Żebra crossing fit-triq Alessandra (quddiem l-iskola sekondarja).<br><br>Huwa informahom li malli jkollna xi risposta lura ser jkun qiegħed jinformahom.<br><br>Huwa kompla billi avżahom li intbagħtet l-ittra lir-residenti biex jitneħħew il-pjanti li huma ta ostaklu fuq il-bankina fi triq San Ġwann din kienet Mozzjoni 1/24. |
| 12.03.03 | Is-sindku kompla billi qara Imejl datata 9 ta jannar mingħand Heritage Malta fejn qed jiġi pjanat li jsir kiosk informattivi ġewwa dock 1 f'Mejju/Ġunju u tkun miftuħa mis-6 ta filgħaxija sa 11 ta filgħaxija. L-iskop huwa li jagħtu informazzjoni fuq Wirt kulturali taħt l-ilma, itejjeb l-għarfien u l-apprezzament pubbliku ta' dan l-aspett importanti fl-istorja ta' Malta. Il-kunsilliera preżenti qablu, pero jixtiequ li jkunu jafu eżattament fejn ser tkun qiegħda titpoġġa u staqsew ukoll jekk ikunx possibbli li tinfetaħ filgħodu ukoll. Is-segretarju eżekuttiv ser tkun qiegħda tinforma lil min hu ikkonċernat hekk kif ikun hemm xi risposta ser tingħatalhom permezz ta imejl. |
| 12.03.04 | Imejl datata 13 ta Jannar mingħand Kummissjoni KidZ&TeenZ Tamlin mill-Għaqda tal-Mużika San Gejtanu Ħamrun. Fejn staqsew jekk hux se jsir il- |

| | |
|---|---|
| | karnival f'Bormla. Jekk dan ser jsir jixtiequ li nibtilhom dettalji għax interessati li jieħdu sehem bil-karru u żifna imtella' mit-tfal. Il-kunsilliera kolla qablu li din is-sena mhu ħa jsir xejn ħlief il-ballu tal karnival. |
| 12.03.05 | Imejl datata 14 ta' Jannar mingħand Rowan Demicoli min Notebook centre fejn informana li l-kuntratt ma' Notebook centre ser jiskadi 1 ta' Frar. Sindku saqsihom jekk għandniex nġeddu l-kuntratt għar-residenti bormliżi. Dan jkun jikonsisti min servizz għal laptops u kompjuters għar residenti ta Bormla b'xejn bħal formats, back up, general servicing, physical cleaning, antivirus software installation and virus removal. Jekk jkun hemm qbil li jiġedded dan is-servizz il- kuntratt jiswa 2500 excluding VAT. Il-kunsilliera preżenti qablu li nitolbu rendikont ta xogħol li sar għar residenti biex nkunu nistaw naraw jekk hux qiegħed jintuża. Għalhekk wara jkunu jistgħu jikkonkludu jekk il-kuntratt jiġġeddidx jew le. Is-segretarju Eżekkutiv ser tkun qiegħda tistaqsi lil Notebook centre u terga' tinformahom permezz ta' Imejl. |
| 12.03.06 | Imejl datata 16 ta' Jannar mingħand Stanley Mangion fejn qiegħed jitlob li jagħmel monument pjuttost zgħir bhala rikonoxximent għal ħidma voluntarja. Dan jixtieq li jsir fl-istess pjazza fejn hemm il-lapida f'gieħ patri paris qrib il-binja ta-kunsill. Dan se jkun jikkonsisti f'alto reliv (4 piedi x 5 piedi) maħdum minn Antonio Mifsud tas-Siġġiewi li hu artist magħruf f'Malta. Ikun hemm lapida tal-irħam bil-kliem tal-apprezzament. Dan se jsir totalment spejjez tiegħu. Il-kunsilliera qablu li jintalab id-disinn biex jkunu jafu eżattament x'ser jsir u fejn eżatt ser jkun ser jitpoġġa. Is-segretarju Eżekkutiv ħa tkun qiegħda tistaqsi għal aktar dettalji. |
| 12.03.07 | Imejl datata 16 ta' Jannar mingħand Sarah Farrugia (project officer) fejn bagħtitilna biex tinfurmana dwar l-iskema ġonna fl-urban. Fejn jekk jinxtraw Olive jew Citrus trees biex jiġu mħawlin f'żona pubbliċi jiġu mogħtija flus |

| | |
|---|---|
| | lura. Is-sindku wera xewqa li jsibu post fejn jkunu jistgħu jiġu mħawwla huwa wera xewqa li b'dawn is-sigar li jiġu mħawlin xi darba tkun tista ssir festa ta ċitru. Il-kunsilliera preżenti qablu li jinxtraw u naraw fejn jistgħu jiġu miżruwa. Huma suġġerew li jsir faċċata ta ġnien kottoner. |
| 12.03.08 | Sindku informa lil kunsilliera li sar meeting fl-10 ta Jannar flimkien mat - tourism zones fejn ġie diskus xi affarijiet li jistgħu jgħinuna fuqhom bħal bankijiet għal fuq il foss ta' Santa liena, tlabnihom biex jsiru l-bibien tal garaxxijiet fi triq santa Margerita u triq sur bonnici pero rridu permess mil-Lands Authority. U għalhekk qieghed nitolbu lil Lands biex jtuna no objection min-naħa tagħhom. Kif ukoll ħa nkunu qegħdin nġibu 3 kwotazzjonijiet tat-tabelli li konna diskutejna fuqom biex jsiru kemm bil-malti kif ukoll bl-Ingliż biex forsi jsiru min naħa tagħhom. Is-segretarju eżekkutiv kjarifikat li Lands Authority talbuna biex ngibu no obejction mingħand nies li qegħdin jużaw dawn il-garagijiet biss kolla qbilna li no objection ghanda toħrog min għand il-lands għalhekk se terġa tibgħat lil lands authority. |
| 12.03.09 | Sindku kompla jinfurmhom li nhar il-ġimgħa 10 ta' Jannar – Sindku, flimkien mas-segretarju eżekkutiv mal-kuntrattur tad-dawl, ħabba l-problema tad-dawl tat-toroq spjegajnilhom l-problemi li qegħdin naffaċjaw U infurmana li l-problema li qiegħed jiffaċċja huwa li mhux ssib ħaddiema bi kwalifikajiet kif jrid hu. Spjeganilhom wkoll li min naħa taghna il- flus dejjem jingħataw fil-hin għalhekk nippretendu li xogħol jsir fil-ħin. Huwa ċaralna li huwa jitħallas skond ix-xogħol li jkun sar min naħa tiegħu u mhux għax xoghol li jigi rraportat hekk kif jitlesta xogħol jithallas tiegħu. Il-kunsilliera preżenti qablu li nkelmuh biex mqar jibda jindikalna kemm ser jkun qed jdum biex jitlestew. Talbu ukoll biex jkunu jafu il-kuntratt tiegħu meta jagħlaq. |

| | |
|---|---|
| | Il-viċi Sindku Noyah Spiteri Hammet daħlet fis-seduta. |
| 12.03.10 | Is-sindku kompla jżid li nhar il-ġimgħa 10 ta' Jannar ltqajna ukoll ma Ray Scicluna li jieħu ħsieb il-kumpanija Epic fejn dan talab biex jagħmel walk in Service ġewwa Bormla għaliex skont survey li għamlu juru li nies ta Bormla jixtiequ dan. Huwa qiegħed jitlob li naqblu fuq fee biex huma jkunu jistu jagħmlu dan is-servizz ġewwa Bormla. Jekk niġu fi ftehim dan is-servizz jibda min Marzu u jdum għal 6 xhur. Il-kunsilliera prezenti qablu li jsir prezz ta' 230 fix-xahar. Hekk jekk jkun hemm qbil nkomplu billi nikkonfermaw fejn ser jkun qiegħed jarmawa eżatt. L-kunsilliera ġibdu l-attenzjoni li naraw eżatt fejn qabel ma jsir. |
| 12.03.11 | Sindku kompla jinforma lil kunsilliera li Project Green talbuħ biex jiltaqgħu ħalli jiddiskutu l-proġetti ta' Bormla. Ġie diskuss il-proġett ġnien il-kottoner fejn infurmawna li d-dawra tal-ġnien ser tkun lesta sa l-aħħar tax-xahar ta' Jannar. Kif ukoll li tender ser jikonkluduħ fl-aħħar ta dan ix-xahar biex jkunu jistgħu jippublikawh. Huma jaħsbu li bejn nofs is-sena diehla jkun lest. Komplejna ukoll fejn qalulna li jird jinħareg tender għal fejn bħalissa jisejjaħ "EX-AUM" u dawn et jitolbuna biex nisuġerixu xi isem għal dan il-proġett. Il-kunsilliera preżenti qablu li jissejjaħ "L-għolja tal-ġonna Bormla" għalhekk segretarju eżekuttiv ser tkun qiegħda tibatilom l-isem pproponiet. Is-segretarju eżekuttiv kjarifikat li is-sindku infurmahom li propja gnien il-kottoner kien jisejjah masgar ta Bormla għalhekk jaħseb li għandu jismemma l-isem originali tieghi "masgar Bormla" u il-proġett ta' ħdejn sports complex jigi msemmi "Verdala Family Park Bormla". Is-sindku infurmom li meta kien ġie miftiehem dal progett kien issema kamra "recovery" għal-qtates, pero qalulna li din mijiex pjanata fil-pjanta tagħhom. Hekk kif jitlesta il-proġett inkunu nistgħu nerġgħu nadduwa |

2A, 'The Rest', St. Margaret Square, Cospicua BML 1202, Malta
Tel: (++356) 21663030, (++356) 21665337 - Fax: (++356) 21672222
E-mail: bormla.lc@gov.mt

| | |
|---|---|
| | bħala suġġeriment biex jinħareg tender ieħor għal "recovery room" għal annimali. Il-kunsillier Martin Vella semma li jekk dan il-ġnien ha jaqgħa taħt ir-responsabbiltà tal-kunsill rridu min ta' l-inqas 2 min nies mal-ġnien għaliex inkella jerga' jiġi fi stat ħażin. Is-sindku ser ikun qiegħed jistaqsi nkunux nistgħu nieħdu xi flus addizzjonali ħabba l-manutenzjoni tiegħu. |
| 12.03.12 | Is-sena l-oħra perita Kylie-Anne Borg Marks talbet biex ssir meeting flimkien mas-sindku sabiex tiddiskuti il-proġett ta Għajn Dwieli. Is-sindku wera li ma kien kuntent xejn għal raġuni li taħt il-mina kien hemm gate u din issa ħadd ma jaf fejna. Il-perita kienet infurmatna li dik il-gate intremit għax ma kienitx fi stat tajjeb u kif ukoll li jitnaddaf l-altar. L-kunsilleira qabli ukoll li qed jinżamm hafna ilma kif tagħmel naqra xita f'Daħlet 3 ibliet. Għalhekk il-kunsilliera qablu li nibgħatu imejl li nixtiequ li ssir gate reċiprokat bħal ma kien hemm, issir perspex wara gate minflok aluminium. L-mina mhijiex kompluta u kif ukoll ninfurmawhom li mhijiex mdawla biżżejjed. |
| 12.03.13 | Is-segretarju Eżekkutiv għaditilhom il-bye law tal-ħamiem. L-kunsilliera qablu li tigi approvata u mexxu biex tiġi implimentata. U kif tigi approvata mid-dipartiment tal-liġi ssiru tabelli. |
| 12.03.14 | Is-sindku informa lil kunsilliera li l-fondi tal-karnival ġew approvati u ha nkunu qiegħdin nibbenefikaw min din l-iskema. Il-kunsilliera qablu li nerġgħu niltaqaw biex nkomplu diskussjoni iktar fid-dettal nhar il-erbgħa 29 ta' Jannar. Id-data tal-ballu ha jkun 28 ta' Frar, 2025 fil-5pm, il-kunsilliera kolla qablu. |
| 12.03.15 | Diskutejna wkoll mal- kunsilliera jekk jaqblux li nintroducu EPOS machine ġol kunsill. Llum il-ġurnata hafna nies juzaw il-card biex jħallsu għalekk nemmen li tkun ta benefiċċju. Il-kunsilliera preżenti qablu. |

2A, 'The Rest', St. Margaret Square, Cospicua BML 1202, Malta
Tel: (++356) 21663030, (++356) 21665337 - Fax: (++356) 21672222
E-mail: bormla.lc@gov.mt

| | |
|---|---|
| 12.03.16 | Is-Sindku għadda lil kunsilliera il-business plan 2025-2029. Il-kunsilliera kolla approvaw. |
| 12.03.17 | Informahom ukoll li l-kunsill għandu application tal kunsill lokali li tista titnizel fuq il-mobiles. Din lapplication naslu ghalija kull xahar. Ma nafx jekk intomx interessati li inzomuwa u nergaw namlu relaunching tal application u naraw kif morru. Jew nwaqfuwa kompletament. Fiha hemm servizzi li jofru lkunsill, informazzjoni fuq il-kunsilliera, informazzjoni fuq attivitajiet, informazzjoni fuq postijiet storici etc. Il-kunsilliera prezenti qablu li terga' tigi relaunched u nitolbu kemm kien hemm niex li et jsegwu l-application. Il-Kunsillier Martin Vella issugerixi li jsiru xi lezzjonijiet ghal gimgha fil-kunsill lokali stess kif tintuza l-application. |
| 12.03.18 | Is-sindku diskuta mal kunsilliera li BOV ghandom bżonn konferma min għandna biex nbidlu is security key tal-bank min fuq l-isem ta ex-segretarju għas- segretarju eżekkutiv li bdiet f'settembru. Għalekk wara konferma min għandna nkunu nistaw nagħmlu dan. Il-kunsilliera qablu li għandha ssir security key ġdida fuq is-segretarju Eżekuttiv preżenti u titneħħa tas-segretarju Eżekkutiv ta qabel. |
| **12.04** | **Kommunikazzjoni mIs-sindku** |
| 12.04.01 | Is-sindku Marco Agius talab biex fi triq San Ġużepp tiġi rampa u jibqa naħa tarag. Dan minhabba xi ġarr għal xi affarijiet. Ma nafx tkunx tista tintuza għal wheelchair ukoll. Il-kunsilliera qablu li ssir rampa biss mhux ghal wheelchairs izda nies jkunu jistghu juzawa al cariers etc. Il-kunsillier Martin Vella ġibed l-attenzjoni li darba hemmek kien hemm xi ħadd li offra li ssir bl-irham. Għalhekk ha nitkelmu ma dan ir-raġel biex naraw għadux biħsiebu li jagħmel dan, biex it-tarag jitranga. |

| | |
|---|---|
| 12.04.02 | Huwa talab ukoll biex fi triq John Pace maċ- ċint jiġi hand railing pulit u bejnithom jitpoggew fanali u pjanti. Il-kunsilliera kolla qablu. |
| 12.04.03 | Talab ukoll biex biex isiru tabelli li juru li nhar ta' Tlieta vetturi ma jgħaddux min triq San Nikola għal fejn hemm il- ' ground' Peppi Delceppo. Tiġi waħda ħdejn ir- roundabout qabel immorru l- Fgura, ohra qabel id- dahla ta' kwartieri San Nikola. Qeghdin jidhlu hafna vetturi u meta jaddu ħdejn il-grawnd ikun hemm konfużjoni għax ikun armat il- monti. Il-kunsillier Glauber Spiteri issuġġerixxa biex it-tabella ssir fejn roundabout qabel tithol għall-Verdala u importanti li jkun hemm miktub except for resident. Il-kunsillier Martin Vella issuġġerixxa wkoll li ninfurmaw lil transport malta biex jibdew jiġu jagħmlu barriers kull nhar ta tlieta kif ukoll saqsa nistawx nitolbuhom biex jiċkien għaliex hemm hafna nies mhux jarmaw u hemm ħafna vojt bejn waħda u oħra. Il-kunsilliera qablu. |
| 12.04.04 | Um el faroud - Kif naghmlu kull sena fit- 3 ta' Frar jew Ħadd viċin din id-data jsir t- tifkira fejn jiġu mistiendin il familjari,Sindki u Għaqdiet. Għalhekk issuġġerixxa li din is- sena terga ssir nhar il-Ħadd 2 ta’ Frar. Il-kunsilliera qablu li terġa ssir. |
| 12.04.05 | Talba ohra mingħand sindku biex fil- pjazzetta ta' triq Matty Grima isir mafkar zgħir li jfakkar tliet personalitajiet li kienu joqgħodu f' din l- istess triq ; Pawlu Tanti li kien kantant u ex.kunsillier, Matty Grima li t- triq hija msemmijha ghalih u l- kavallier Buongiorno li t- triq kienet imsemmija għalih.<br><br>Huwa kompla jgħid li kienu kelmuħ il-grupp żagħżagħ bormliżi li xtaqu jagħmlu mafkar li jippreżenta in-nies ta Bormla ta’ kull żmien. |

| | |
|---|---|
| | Il-kunsillier Martin Vella sugerixa li tista forsi ssir kompetizjoni tal-isbah disin ghal-mafkar li jiprezenta in-nies ta' kull zmien. Kif ukoll jingabru fondi ghal dan. |
| 12.04.06 | Qieghed nagħmel talba oħra biex għal zmien san valentinu norganizzaw pasta night. Informhom ukoll li l-AUM jixtiequ jagħtu fjura lin-nies li jkunu preżenti. Il-kunsilliera qablu li ssir. |
| 12.04.07 | Infurmom ukoll li qieghed jaħdem fuq bastjun san klement biex naraw jkunx possibli jaqa taħt responsabilta tal-kunsill. Organizza focus group nhar il hamis 9 ta' Jannar u diskuttew fuq xi ideat li jista jsir. Kif ikun hemm aktar informazzjoni hu ser ikun qiegħed jinfurmahom. |
| 12.04.08 | Is-sindku għaddilhom koppja ta kwestjonarju mingħand Godfrey Baldacchino, Paul Micallef & John Vella sempliċi u qasir li nixtieq noffru lir-residenti kollha ta' Bormla, bħala parti minn studju kkummissjonat mill-Awtorita Nazzjonali tat-Turiżmu. |
| 12.04.09 | Imejl datata 20 ta Jannar mingħand Surgent Evan Grech, biex jitwaħlu bollards gewwa triq il-perit dom mintoff eżattament quddiem cafe rouge sa quddiem il-ħanut gala. Dan minhabba l-fatt li min qabel kien jipparkja fejn twahhlu il-bollards il-gimgħa li għaddiet ezattament faccata ta' Dock No. 1 Cafeteria, issa qieghed jipparkja fil-parti tat-triq imsemmija iktar il-fuq. Għal approvazzjoni tal-kunsilliera. Sindku Marco Agus żżid ukoll li jsiru 3 bollard qabel taqbad it-triq għal San Ġwann qabel taqbad il-bridge u li għandom bżonn jsiru tal-ħadid. Evan et jitlob li min ħdejn café rouge sa gauda, jsiru bil bollards. Il-kunsilliera qablu li tkun too much li jamlu bollards għalekk qablu li jaghmlu bollards biss ħdejn il-gala. |
| 12.04.10 | Sindku flimkien mal-kunsillier Martin Vella li għandu dekasteru tal-sports diskutejna ir-regolamenti tal ground peppi delceppo biex jibda jiġi mexxi |

| | |
|---|---|
| | min st georges fc. Hekk kif ikolna id-draft tal- kuntratt nadulkom koppja għal approvazjoni. |
| 12.04.11 | Reġgħu kelmuna min naħa ta attivita anzjani malta fejn meta nformajnihom li l-assembly point ma kinitx nqalat min naħa tagħna b'hekk aħna ma nistawx nassistuhom. Huma talbuna huwiex possibli li terga tigi instalata fl-istess post biss infurmajinom li aktarx la nqalat darba ser terġa tinqala. Huma talbuna hux possibli li titwahhal ma ħajt fejn ma tkunx tista tinqala. Qieghdin jistaqsu jekk din it-tabella tistax ssir min naħa tagħna. Il-kunsilliera ma sabu l-ebda oġġezzjoni li ssir għalhekk segretarju ezekkutiv ser tkun qed tistaqsi lil active ageing jekk jaqblux li ssir maċ-ċint il-baxx. |
| 12.04.12 | Sindku infurmhom li Ġnien il-familja huwa lest u urihom li japprezza jekk ma titfaw xejn fuq social media għaliex ser tkun qed tigi pjanata konferenza biex ninawgurawh. |
| 12.04.13 | L-ambaxxatur tal-palestina talab li jiltaqa' mas-sindku flimkien mas-segretarju eżekkutiv fil- 21 ta Jannar, waqt diskusjoni ġie id-diskors fuq short play festival u wera interess li jniżżel grupp mil-palestina biex jagħmlu play zgħira – xejn konfermat kif ikun hemm iktar dettalji jinfurmom. Huwa wera xeqa li nagħmlu twinning pero min naħa taghħom ħa jiprova jsib il-fondi biex jġib in-nies min hemmek biex jipartecipaw. Is-sindku kellem ukoll lil Emanuel Zahra ħabba xi fondi li ħirgin mil-EU biex f'każ li joħorgu napplikaw biex nkunu nistghu nġibu grupp mil-kosovo. |
| 12.04.14 | Is-sindku informa ukoll lil kunsilliera li l-ewwel laqgħa tal-kunsill tfal ser ssir it-tlieta 28 ta' Jannar 4.30 ta wara nofsinhar. L-kunsill tfal ser jieħdu ħsiebu The Malta Foundation for the Wellbeing of Society. |
| 12.04.15 | Mozzjoni 3/2024 fejn sindku kien proposta li jsiru bollards fi triq wigi rosato. Huwa qal li diskuta flimkien mal-ħaħddiema tal-kunsill biex jsir dan |

| | |
|---|---|
| | u suġerixew li jsiru bollards tal-plastic taħt il-bankina peress li il-bankina hija dejqa. Il-kunsilliera qablu li jsiru faċċata tal-classic print. |
| 12.04.16 | Sindku qalilhom li kelmuh xi resident mit-triq il-kuncizzjoni u qallhom li hemmek il-karozzi jibqaw dieħlin u qallhom ukoll li hemmek kien hemm il-bollards. Għalekk qablu li jsiru bollards tal-hadid fin-nofs fejn kienu. |
| 12.04.17 | Is-sindku infurmom ukoll li kelmuh xi nies mil classic cars biex jagħmlu car show fil-bacir numru 1 mil-10:00am sa 12:30pm fit-23 ta' Frar. Sindku qal li jixtieq li jtihom sticker. Il-Kunsilliera qablu li nġibu xi kwotazzjonijiet u morru għal-irħas. |
| 12.04.18 | Is-sindku qallom ukoll li nfethet dar l-isla għal tfal bi bżonnijiet speċjali u qieghed jitlob biex lir residenti ta' Bormla nkunu nistgħu nwasluhom bit-transport tal-van. Il-kunsilliera qablu. |
| 12.04.19 | Bus stop fi triq wigi rosato hemm problema għar raguni li l-bus stop qiegħda quddiem garage u l-owner tal-garage qiegħed jitlob li titmexxa jew inkella jkollu permess li biex jekk jkun ħa juza l-garage jkollu permess li jistgħa jipparkja quddiem l-garage għal 5/10 minuti biex ma jkunx hemm ċans li jaqla citazzjoni. Imejl lil transport malta mibgħuta u qed nistennew risposta. |
| 12.04.20 | Is-sindku semma li ltaqa' ma' xi ħadd biex jagħmlu attivita f'Ħamis ix-xirka ġewwa il-yard/bitha tal-kunsill. Kif ukoll jixtieq jagħmel wirja fis-sala tal-kunsill li għandom x'jaqsmu mal-Ġimgħa l-Kbira u l-AUM ntellu wirja. Il-kunsilliera qablu. |
| 12.04.21 | Is-sindku semma ukoll li il-kunsilliera għandom iżommu dekasteru tagħhom. |

*2A, 'The Rest', St. Margaret Square, Cospicua BML 1202, Malta*
*Tel: (++356) 21663030, (++356) 21665337 - Fax: (++356) 21672222*
*E-mail: bormla.lc@gov.mt*

| | |
|---|---|
| 12.04.22 | Il-viċi sindku Noyah Spiteri Hammet infurmathom ukoll li kella laqgħa mal-head tal-primarja fejn iddiskutiet xi proġetti li għandom x'jaqsmu mal-edukazzjoni li huma antiċipati li jsiru. Il-vici sindku kif ukoll is-sindku xtaqu li jagħmlu attivita flimkein mal-istudenti żmien il-Ġimgha l-Kbira, kif ukoll il-head qablet li jsiru. Il-viċi sindku Noyah Spiteri Hammet semmit ukoll li tixtieq li jsiru<br>• Book fair by February/ March l-atturi Bormliżi li ippublikaw xi materjal ikunu jistgħu iwasluħ lir-residenti kif ukoll nies barra min Bormla.<br>• Issiru diskussjonijiet mal- planning authority biex ikunu jafu l-possiblita li l-ħwienet ta quddiem il-baċir kif ukoll ħwienet ġewwa Bormla ikollom tabelli standard quddiem l-hanut tagħhom. Is-sindku Marco Agius jipjana meeting mal-planning authority biex jagħmel kuntat.<br>• Is-sindku Marco Agius semma wkoll li jixtieq li ssir purċisjoni tal- Gimgħa l-Kbira mil-iskola primarja.<br>• Is-sundku Marco Agius semma ukoll li fl-20 ta' Marzu se jkolna żjara mil-Arcisqof li bħalissa qiegħda taħdem fuqa il-prinċipal.<br>Il-viċi sindku Noyah Spiteri Hammet tixtieq li kif dawn jsiru għal- ewwel darba jbqgħu jirrepetu ruħom snin oħra ukoll. Il-kunsilliera kolla qablu. |
| 12.04.23 | Noyah Spiteri Hammet semmit ukoll li attendiet il-laqgha tal-iskola primarja ghal-genituri fejn heggu lil ommijiet biex jipparteċipaw iktar fid-day to day tat-tfal tagħhom. Laqgha li jmiss ser ssir fit-28 ta Frar. |
| 12.04.24 | Il-kunsillier Glauber Spiteri semma xi attivtajiet li jixtieq li jsiru matul is-sena:<br>• Frar/ Marzu – Karnival |

| | |
|---|---|
| | • April – Ġimgħa L-kbira – L-mixgħela tal- Ħamis ix-Xirka – fejn sindku semma li rridu naraw ħabba fire engine<br>• July – Kids Summer Party<br>• Settembru- Cospicua Short Play Festival<br>• Ottubru – Halloween Activity<br>• Dicembru – Festa tat-tfal ghal-iskola u Milied<br>Il-kunsillier Glauber Spiteri semma li diġa beda xogħol għal-cospicua short play festival biex nibdew niġbru l-fondi. Kif ukoll semma li jingħażel id-dirrettur għal Cospicua Short Play festival. Is-sindku Marco Agius semma li jixtieq li dis-sena jkunu Joseph u Pierre. Il-vici sindku Noyah Spiteri Hammet semmiet li ma taqbilx min-naħa tagħha peress li fiz-zmien li kien bżonnom ma sibnihomx. Hija kompliet semmi li kienet deċizjoni tagħhom li ma jkomplux jaħdmu fil-Cospicua Short Play Festival. Talbet ukoll li jekk jintagħżlu Joseph u Pierre issir laqgħa magħhom biex niċċaraw l-affarijiet magħhom u kulħadd ikun fuq l-istess paġna. Il-Viċi Sindku ċarat li hi mhijiex kontra biss hi tixtieq tkun taf x'kienet il-problema eżatt. Il-kunsillier Martin Vella ċara li Joseph u Pierre kienu baghtu imejl bil-problema tagħhom is-Segretarju Eżekkutiv ha tkun qed tfittex din l-ittra biex tkun tista tmexxiħ mal-kunsilliera kollha. |
| 12.04.25 | Is-sindku Marco Agius wera xewqa li għal żmien il-Ġimgħa l-kbira jsir salib bix-xemgħat biex jiġi quddiem il-kunsill. Il-kunsilliera qablu. |
| 12.04.26 | Noyah Spiteri Hammet għaddiet suġġeriment biex segretarju Eżekkutiv flimkien mas-sindku jiltaqaw ma' entitajiet differenti biex nsiru familjari ma xulxin. |

2A, 'The Rest', St. Margaret Square, Cospicua BML 1202, Malta
Tel: (++356) 21663030, (++356) 21665337 - Fax: (++356) 21672222
E-mail: bormla.lc@gov.mt

| **12.05** | **Twegibiet ghall-mistoqsiiet mil- kunsilliera** |
|---|---|
| 12.05.01 | Il-kunsillier Glauber Spiteri staqsa rigward it-traps tal-qtates u staqsa x'sar minnhom. Is-sindku irrisponda li traps qegħdin il-kunsill u meta jridu nies jistghu jiġu għalihom. |
| 12.05.02 | Il-kunsillier Glauber Spiteri staqsa rigward li qabel kien ġie diskuss dwar il-LESA pajżana. Il-kunsillier Martin Vella iċċara li fuq dawn konna ċċekkjajna pero dawn kienu ħa jieħdu rata gholja hafna ghalhekk kienet ser tkun ta spiża kbira għal-kunsill. Min naħa tas-segretarju Eżekuttiv iċċarat li hekk kif ġie diskuss ma dikasteru tal-indafa kunsillier Martin Vella gew raportati 3 postijiet fejn hemm bżonn jsiru "random checks" bil-ħinijiet. |
| 12.05.02 | Il-kunsillier Glauber Spiteri staqsa wkoll fuq il-fanali ta daħlet 3 ibliet, fejn ukoll kellna xi Sponsorships fuq fanali. Sindku wieġeb li dawn ha jinħargu fuq tender fuq il-fondi mil capital project 2020. Is-sindku kjarifika li l-fanali jridhom fondut. Għal dahlet 3 ibliet u verdala barracks. Il-kunsilliera prezenti qablu. |
| 12.05.03 | Il-kunsillier Glauber Spiteri ssaqsa dwar il-process tar-residential parking u hekk is-segretarju eżekkutiv ikonfermat li l-avukat għadu ma tagħnix risposta. |
| 12.05.04 | Il-kunsillier Martin Vella saqsa dwar riforma tal-van tal-kunsill lokali.Is-Segretarju Ezekkutiv ikonfermat li din trid tigi diskussa bejntina u m'hemmx għalfejn tgħaddi min l-Onor Alison Zerafa Civelli. Għalekk ridu nidiskutu bejnitna meta ser nerġu niltaqaw flimkien biex naqblu flimkien. |
| 12.05.05 | Il-vici sindku Noyah Spiteri Hammet werriet ix-xewqa li għad darba li jmiss xtaqet li l-insurance tigi koperta kemm kunsilliera kif ukoll persuna familjari |

| | |
|---|---|
| | min taghhom. Hi ukoll qalet li dan huwa xogħol volontarjat u għalekk forsi jista jieħdu x ħaġa lura huma u l-għażiż tagħhom. Kunsilliera u Sejretarju Ezekkutiv għandom ikunu inklużi b'persuna ohra mil-familjari. Il-kunsilliera kolla qablu. |
| 12.05.06 | Il-kunsilliera Rita Gatt infurmat li kienet tkelmet ma Owen Bonnici u infurmaha li kellu jibda restawr tal-mithna f'dicembru. Is-sindku Marco Agius infurmaha li hu kellem lil Ministru u avzawħ li appela xi ħadd għalhekk ħa jiprovaw jibdewa f'April. |
| 12.05.07 | Il-Kunsillier Glauber Spiteri ssaqsa jekk jistgħux li huma bħala kunsilliera jmorru għand in-nies. Għar raguni li l-aħħar laqgħa ġenerali nies ma gewx għalhekk jmorru huma u minflokk ssir laqgħa generali wahda ssiru 5 f'postijiet differenti. Is-segretarju Eżekuttiv ha tiċċekkja tistax ssir.<br><br>Il-vici sindku Noyah Spiteri Hammet talbet li tigi skuzata mil-laqgħa. |
| **12.06** | **Approvazzjoni ta'skedi ta' hlasijiet** |
| 12.06.01 | Is-segretarju Ezekkutiv bghatet imejl -iskeda numru 7 għad-9 leġislatura u l petty cash ta' Jannar 2025<br><br>Il kunsillier Glauber Spiteri approva skeda numru 7 ghad 9 legislatura waqt li l-kunsilliera Martin Vella issekondat.<br><br>Kif ukoll il-kunsillier Martin Vella approva il petty cash ta novembru numru 7 waqt li l-kunsillier Glauber Spiteri isskondah. |
| **12.07** | **Mozzjonijiet** |
| 12.07.01 | Mozzjoni Numru 46/2024 (IX)<br><br>Seduta Numru 12/2025 (IX) |

*2A, 'The Rest', St. Margaret Square, Cospicua BML 1202, Malta*
*Tel: (++356) 21663030, (++356) 21665337 - Fax: (++356) 21672222*
*E-mail: bormla.lc@gov.mt*

| | |
|---|---|
| | Għeżież,<br>nahseb wasal iz-zmien illi issir recovery room ghal-annimali gewwa Bormla. Din tkun post fejn jkunu jistu jirkupraw l-annimali li jinsabu minghar dar. Nahseb huwa sabih illi ma nhallux annimali morda jigri fit-toroq fejn hawn nies li lesti jiehdu hsiebhom huma.<br><br>Proponent : Glauber Spiteri ___________________<br><br>Sekondant : Marco Agius ___________________<br><br>Din il-mozzjoni kienet għaddiet mis-sindku Marco Agius u ser ikun qieghed jaghmel meeting mas-santwarju tal qtates. |
| 12.07.02 | Mozzjoni Numru 47/2024 (IX)<br><br>Seduta Numru 12/2025 (IX)<br><br>Għeżież,<br>Qed Nitlob illi fit-truf ta' Triq San Mikiel Jitpoggew zewg pots kbar bxi pjanti fihom halli nelimnaw il-problam ta' ipparkjar illegali.<br><br>Proponent : Glauber Spiteri ___________________<br><br>Sekondant : Martin Vella ___________________<br><br>Il-kunsilliera preżenti qablu ma din il-mozzjoni. |
| 12.07.03 | Mozzjoni Numru 48/2024 (IX)<br><br>Seduta Numru 12/2025 (IX)<br><br>Għeżież,<br>Rigward Attivitajiet f dawn it 3 xhur ghal l Anzjani.<br>1...Breakfast bit Tombla "Omberto"<br>2..Harga kulturali. Il Belt Valletta jew l-lmdina.<br>3 "Seminar "ghandi jkolli xi kuntat min Shana Sloun  Sammut.<br><br>Proponent : Rita Gatt ___________________<br><br>Sekondant: Glauber Spiteri ___________________<br><br>Il-kunsilliera preżenti qablu ma din il-mozzjoni. |

| | |
|---|---|
| **12.08** | **Rapporti** |
| 12.07.01 | Il-kunsilliera approvaw ir-rapport - September Financial statement |
| **12.09** | **Aġġornament tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss** |
| 12.09.01 | Is-seduta giet mtemma 21:00 ta filgħaxija u git aġġornata ghal 19 ta Frar fil ħamsa. |

Konfermati, illum 19 ta' Frar, 2025

IFFIRMATA

______________

**Marco Agius**

Sindku

IFFIRMAT

______________________

**Crystal Degabriele**

Segretarju Eżekuttiv

*2A, 'The Rest', St. Margaret Square, Cospicua BML 1202, Malta*
*Tel: (++356) 21663030, (++356) 21665337 - Fax: (++356) 21672222*
*E-mail: bormla.lc@gov.mt*